

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 15/2013

tal-1 ta' Frar 2013

li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 ⁽¹⁾ jemenda r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, li t-tnejn huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-Regolament (UE) Nru 1244/2010 għandu jissema fil-punt 2 tal-Anness VI.
- (2) L-Anness VI tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 2 (ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness VI tal-Ftehim ŻEE:

“— **32010 R 1244**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35).”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2013, dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2013.

*Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35.

⁽²⁾ ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.